TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 160/18/B

Alfred Sammut Vs Bajada New Energy

Illum, 18 ta' Frar, 2019

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrentiipprezentat fis-19 t' Ottubru 2018 li permezz tieghu talab li jithallas l-ammont ta' € 238.60 bhala danni ghal nuqqas ta' produzzjoni ta' units tal-elettriku missistema' pv panels.

Ra illi r-risposta bil-miktub tas-socjeta' intimata datata 29 t' Ottubru 2018 fejn is-socjeta' intimata ecceppew illi l-inverter mertu tal-kwistjoni gie mibdul mis-socjeta' intimata a spejjez taghhom

Ra l-Atti tal-process;

Semgha ix-xhieda;

Ra d-Dokumenti esebiti;

Ikkunsidra:

Illi t-Tribunal ikkunsidra illi l-kwistjoni tal-kawza odjerna titratta danni allegatament sofferti mir-rikorrenti u dan wara perjodu li matulu l-PV panels ma tawx l-produzzjoni ta' units t' elettriku kif kien mistenni. Illi filfatt kif dikjarat fir-risposta bil-miktub tas-socjeta' intimata, u maqbul mar-rikorrenti l-inverter li rrizultalu xi hsarat gie mibdul mis-socjeta' intimata a spejjez taghha.

Illi fl-avviz ir-rikorrenti jispjega illi wara li wasal minn vaganza nduna illi ssistema' PV ma bdietx tahdem tajjeb tant illi l-inverter kien jidher mwahhal f'data partikolari. Illi r-rikorrenti talab ghal technician tas-socjeta' initmata illi kienu ghamlu spezzjoni. Illi sussegwentament minhabba l-fault moghti fuq linverter s-socjeta' intimata issugerew lir-rikorrenti jivverifika ma' Enemalta plc sabiex jigi ezaminat l-vultagg.

Illi t-Tribunal ikkunsidra x-xhieda bil-gurament tar-rikorrenti fejn spejga litTribunal illi huwa tilef numru ta' production units sakemm is-socjeta' initmata bidlet l-inverter tal-PV

panels. Illi r-rikorrenti jghid illi l-technicians li attendew fuq is-sit tlett (3) darbiet ma kienux edotti sew tas-sistema. Huwa
jinsisti illi Enemalta ikkonfermaw illi ma kien hemm l-ebda hsara minn naha taghhom u li l-vultagg kien konsistenti (Ara Dokument'A' li hija korrispondenza bejn ir-rikorrenti u Enemalta plc).

Illi Mark Bajada li xehed in rappresentanza tas-socjeta' intimata spejga illi ssistema' ghandha overprotection skont il-Ligi u cioe' f'kaz ta' vultagg baxx jew gholi jew frequency gholi jew baxx, is-sistema' taghmel reset. Huwa spejga illi technician tas-socjeta' intimata kien ha r-reading tal-vultagg u tal-frequency mal-bidu tal-complaint u wara li vverifikaw ir-readings tal-Enemalta plc li lvultagg u l-frequency kienu kif suppost huma a spejjez taghhom bidlu lnverter in kwistjoni.

Illi t-Tribunal jifhem il-frustrazzjoni tar-rikorrenti li ghamel perjodu mid-19 ta' Mejju 2018 sa 03 t' Awwissu 2019 b'sistema illi pproduciet inqas units talelettriku pero' ma jistax jinnota illi s-socjeta' initimata hadet dawk il-mizuri kollha sabiex tirranga id-difett fl-inverter. Illi filfatt il-partijiet qablu illi ttechnician gie sahansitra mibghut nhar ta' Sibt. Illi di piu' it-Tribunal ha in konsiderazzjoni illi qabel mas-socjeta' intimata bidlet l-inverter ghamlet stharrig sabiex ma jergax jinqala l-istess fault fl-inverter l-gdid. Tant illi wara li saru l-istess verifiki socjeta' initmata ordnat il-part li gie delivered permezz ta' courier u dan sabiex jaqdu iktar lir-rikorrenti.

Ghalhekk it-Tribunal jikkunsidra illi t-talba tar-rikorrenti ma haqqiex li tintlahaq u dan wara illi mill-provi jirrizulta illi s-socjeta' intimata ippruvat tirrimedja billi hadet il-passi kollha necessarji sabiex tirratifika l-hsara flinverter u dan fl-inqas inkonvenjent ghal konsumatur.

DECIDE

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, ghar-ragunijiet fuq spjegati, billi jichad it-talba tar-rikorrenti b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Avv. Paul Borg
Arbitru